MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 261/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Christopher Drago (ID Nru. 411867M)**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti** tar-**rikors** li permezz tieghu is-socjeta' rikorrenti ssottomettiet :

1. Illi s-Socjeta’ Maltacom p.l.c. ipprestat diversi servizzi telefonici lill-konvenut skond l-anness dokument markat ‘Dok A’;

2. Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta ’attrici s-somma ta’ sebat elef, u mitejn Lira Maltin (Lm7,200,00), u dan skond il-prospett hawn anness u markat bhala ‘Dok B;

3. Illi l-konvenut interpellat, biex ihallas, baqa’ nadempjenti;

4. Illi l-Prokuratur Legali Noel Scerri huwa mpjegat tas-Socjeta’ Maltacom p.l.c. u jaf b’dawn il-fatti personalment;

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-Socjeta’ Maltacom p.l.c. titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni;

Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigh a tenur ta’ l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tikkundanna li l-konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ sebat elef, u mitejn Lira Maltin (Lm7,200,00), rapprezentanti kera u konsum ghas-servizz telefoniku kif jinghad fuq, u skond id-dokument anness markat ‘Dok A’;

Bl-ispejjez, tal-prezenti, dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, tal-mandat ta’ sekwestru li qed jigi prezentat u mahluf kontestwalment ma’ dan ir-rikors u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta’ dan ir-rikors, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id- dikjarazzjoni u n-nota tax- xhieda tas- socjeta’ rikorrenti;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lil intimat li naqas li jidher u jipprezenta r- risposta tieghu u hekk baqa' kontumaci;

Semghet lil P L Noel Scerri;

Ezamanit l-atti tar-rikors ;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedota fir-rikors tirrizulta pruvata ;

Fil- kontumacja tal-intimat tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir- rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------